

Brussell, 12 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9901/25

ECOFIN 709
UEM 243
SOC 378
EMPL 248
COMPET 488
ENV 471
EDUC 220
ENER 211
JAI 775
GENDER 90
JEUN 120
SAN 295
ECB
EIB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Semestru Ewropew – Nota orizzontali dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż in-nota orizzontali dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2025, imħejjija mill-Presidenza.

**TĦEJJIJA TAD-DISKUSSJONI POLITIKA FIL-KUNSILL U L-KUNSILL EWROPEW
DWAR IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻI (CSRS) U L-
PAKKETT TAS-SEMESTRU EWROPEW (REBBIEGĦA 2025)**

Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ħarġet il-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew tagħha. Dan jinkludi sett ta' rapporti tal-pajjiżi u rakkomandazzjonijiet għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) għal kull Stat Membru. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mistennija jiġu adottati fil-laqgħa tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025.

Qabel id-diskussjoni u l-adozzjoni tas-CSRs, din in-nota orizzontali għandha l-għan li tikkontribwixxi għad-dibattitu politiku dwar l-istat tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Ewropa, filwaqt li tagħti dettalji dwar l-isfidi attwali u l-possibilitajiet li l-politika għandha biex issaħħaħ il-kompetittività kif stipulat fis-CSRs. Id-diskussjoni tenfasizza r-rwol essenzjali tas-CSRs fit-trawwim tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u tal-impjieg fl-Unjoni Ewropea kollha, kif ukoll ir-rwol stabbilit tal-Kunsill fil-proċess tas-Semestru.

Dan l-approċċ eċċezzjonali, li jiddevja mill-prattika stabbilita tas-Semestru Ewropew mingħajr ma joħloq preċedent, ġie propost mill-Presidenza fil-kuntest tal-pubblikazzjoni tardiva tal-Pakkett tar-Rebbiegħa (4 ta' Ġunju 2025) u l-ħtieġa li jingħata kontribut sinifikattiv għad-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ġunju 2025.

Din in-nota hija bbażata fuq rapporti u analiżijiet mill-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew.

Iċ-ċiklu tal-2025 tas-Semestru Ewropew: it-tisħiħ tas-sostenibbiltà u l-kompetittività fost l-inċertezzi dinjija

Fil-kuntest tal-volatilità dinjija tas-sitwazzjoni tal-kummerċ u tas-sigurtà, l-ekonomija tal-UE mistennija tkompli tikber b'mod kostanti fis-snin li ġejjin. It-tkabbir huwa mmotivat b'mod partikolari minn suq tax-xogħol b'saħħtu u tnaqqis fl-inflazzjoni, li jikkontribwixxu għall-irkupru tal-paġi reali u jsaħħu d-domanda. Madankollu, it-tensjonijiet u t-tfixkil ġeopolitiċi fil-kummerċ joħlqu riskji sinifikanti għall-momentum ekonomiku. Is-setturi finanzjarji Ewropej għadhom reżiljenti fil-konfront ta' dawn l-isfidi u jipprovdu finanzjament stabbli għall-ekonomija.

Politiki biex tissaħħaħ il-kompetittività huma kruċjali biex l-ekonomija tal-UE tingħata spinta u tiġi promossa l-prosperità sostenibbli. Enfasi ewlenija tal-istrateġija ekonomika tal-UE hija l-indirizzar tal-ostakli strutturali li jtellfu l-kompetittività. It-tkabbir tal-produttività għadu lura, u dan inaqqas l-innovazzjoni. Barra minn hekk, il-komplessità regolatorja u l-piż amministrattiv kienu deterrenti kbar għall-investment, b'impatt partikolari fuq l-SMEs. Anke n-nuqqas mifrux ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati jillimita l-attività ekonomika u jnaqqas l-innovazzjoni u l-produttività, filwaqt li l-kostijiet għoljin tal-enerġija u l-aċċess privat limitat għall-finanzi jaggravaw dawn l-isfidi. Ix-xenarju ġeopolitiku jinfluwenza wkoll id-dinamika tal-investimenti, billi l-proġetti infrastrutturali jiffaċċaw dewmien, parzjalment minħabba ppjanar inadegwat u bidliet fil-prijoritajiet politiċi.

Is-Semestru Ewropew huwa għodda ewlenija ta' koordinazzjoni biex jiġi żgurat li r-riformi u l-investimenti nazzjonali jirriflettu l-oġġettivi għall-UE kollha, filwaqt li jindirizzaw ħtiġijiet nazzjonali speċifiċi. Is-CSRs għandhom l-għan li joffru gwida politika dettaljata u koerenti mfassla apposta għall-isfidi speċifiċi ta' kull Stat Membru, filwaqt li jirrispettaw il-libertà politika meħtieġa tal-Istati Membri. Ir-rapporti tal-pajjiżi tal-2025 joffru analiżi komprensiva tal-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u fil-qasam tal-impjieg, f'konformità mal-Boxxla għall-Kompetittività u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jirfdu s-CSRs u fl-istess ħin jirrieżaminaw il-progress li sar f'CSRs tal-passat u l-allinjament tagħhom mal-għanijiet fiskali.

Quddiem l-isfida kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jeħtieġ li l-Ewropa żżid il-mezzi ta' difiża tagħha u tibni bażi industrijali b'saħħitha. F'dak il-kuntest, sa issa 16-il Stat Membru talbu li tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex iżidu n-nefqa tagħhom fid-difiża, f'konformità mar-regoli fiskali tal-UE. Dawn it-talbiet jitqiesu fl-analiżi tal-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom fuq perjodu medju, kif ukoll fil-valutazzjoni tal-konformità tagħhom mal-qafas Ewropew ta' governanza ekonomika pprovduta bħala parti mill-Pakkett tar-Rebbiegħa. Jeħtieġ li l-klawżola liberatorja nazzjonali, li għandha tiġi attivata mill-Kunsill f'Lulju, tiffaċilita t-tranżizzjoni għal nefqa strutturali oġhla fid-difiża fl-Istati Membri, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn.

Sorveljanza fiskali

Bil-Pakkett tar-Rebbiegħa tal-2025, il-Patt riformat ta' Stabbiltà u Tkabbir jagħlaq l-ewwel ċiklu annwali tiegħu ta' sorveljanza fiskali. Dan jinvolve valutazzjonijiet bir-reqqa tal-konformità tal-Istati Membri mat-tkabbir rakkomandat tan-nefqa netta, u r-riformi u l-investimenti li rifdu l-estensjoni tal-aġġustamenti fiskali għal diversi Stati Membri. B'mod partikolari, għall-Istati Membri taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, il-valutazzjonijiet tal-implimentazzjoni jiżguraw li l-miżuri korrettivi jiġu adottati b'mod effettiv. Dan l-approċċ olistiku għall-governanza fiskali jenfasizza l-importanza ta' dawn il-valutazzjonijiet bħala attivitajiet fundamentali fil-governanza ekonomika usa'.

Riformi strutturali huma meħtieġa wkoll biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Għadd ta' Stati Membri ngħataw rakkomandazzjoni li jieħdu azzjonijiet biex jagħmlu s-sistema tal-kura fit-tul aktar kosteffettiva, filwaqt li jissalvagwardaw is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjonijiet. Rigward it-tassazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet jipproponu li s-sistema tat-taxxa tiġi ssimplifikata, li tiġi allinjata t-tassazzjoni ta' tipi differenti ta' introjtu mill-għana, li tittejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa, inkluż l-indirizzar tar-riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, li tiġi llimitata n-nefqa tat-taxxa, u li titwessa' l-bażi għat-taxxa. Xi Stati Membri ngħataw ir-rakkomandazzjoni li jnaqqsu l-piż tat-taxxa fuq ħaddiema b'introjtu baxx biex jiżguraw il-ġustizzja tas-sistema, u biex jindirizzaw id-diżinċentivi tat-taxxa fis-suq tax-xogħol, bħal itejbu l-inċentivi biex daww li kważi laħqu l-età tal-irtirar ikomplu jaħdmu. Xi Stati Membri ngħataw ukoll ir-rakkomandazzjoni li jsaħħu l-kwalità tal-finanzi pubbliċi tagħhom billi jiżguraw l-effiċjenza tal-infiq pubbliku, fost oħrajn billi jirrieżaminaw l-infiq, u li jsaħħu l-investment pubbliku, pereżempju billi jikkonċentraw il-finanzjament fil-fażi tal-bidu għal proġetti ta' investment maturi, u li jinkludu l-investment privat.

Kompetittività

It-tisħiħ tal-kompetittività jinsab fil-qalba tal-politika ekonomika tal-UE. Il-Boxxla għall-Kompetittività ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea tistipula prijoritajiet u azzjonijiet li jiggwidaw il-ħidma tal-Kummissjoni għall-ħames snin li ġejjin. Dan jinkludi l-eliminazzjoni tad-diskrepanza fl-innovazzjoni, it-tnaqqis ta' dipendenzi eċċessivi, it-tisħiħ tas-sigurtà u l-avvanz tal-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni. Biex tinfed il-kompetittività fis-setturi kollha, il-Boxxla għall-Kompetittività tintroduċi faċilitaturi orizzontali li jiffukaw fuq il-ħolqien ta' ambjent ekonomiku favorevoli biex tiġi appoġġata l-kompetittività tal-Ewropa. Dawn jinkludu s-simplifikazzjoni tal-oqfsa regolatorji biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiżiedu l-ħeffa u l-flessibbiltà, jiġu sfruttati bis-sħiħ l-opportunitajiet tas-Suq Uniku billi jitneħħew l-ostakli eżistenti, jiġi sfruttat il-finanzjament anke permezz tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, u jiġu promossi l-iżvilupp tal-ħiliet u l-impjiegi ta' kwalità filwaqt li tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali, kif ukoll tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika fil-livell tal-UE u nazzjonali.

Barra minn hekk, il-kostijiet għoljin tal-enerġija jgħolqu ostaklu serju, filwaqt li jkollhom impatt fuq il-marġnijiet operattivi tal-industriji intensivi fl-enerġija. Is-CSRs jenfasizzaw ukoll l-importanza li jsir progress fit-tranżizzjoni ekoloġika billi titnaqqas id-dipendenza mill-fjuwils fossili u titħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u b'emissjonijiet zero netti, anke billi jiġu promossi n-newtralità teknoloġika, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika, u l-kapaċità tal-grilja, inkluż interkonnessjonijiet transfruntieri, u ż-żieda tas-sigurtà tal-enerġija. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet indikaw il-ħtieġa li gradwalment jitneħħew is-sussidji għall-fjuwils fossili, li jiġi promoss it-trasport sostenibbli, li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet ekoloġiċi fis-suq tax-xogħol, u li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari.

Impjiegi, ħiliet u aspetti soċjali

Il-Pakkett tar-Rebbiegħa tal-2025 ifeġġ f'kuntest ikkaratterizzat minn suq tax-xogħol tal-UE reżiljenti, domanda sostnuta għall-ħiliet, u riskji ta' faqar u esklużjoni soċjali li qed jonqsu f'tit iżda għadhom għoljin. F'dan il-kuntest, is-CSRs tal-2025 jenfasizzaw l-importanza li tiġi avvanzata l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex jiġu ggwidati l-isforzi favur soċjetà aktar reżiljenti, kompetittiva u ġusta. Ir-rakkomandazzjonijiet għas-CSRs iqisu s-sejbiet tal-Kummissjoni dwar il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, fosthom l-analiżi tat-tieni stadju ppubblikata mis-servizzi tal-Kummissjoni kif ukoll is-sejbiet tar-rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali li saru mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS).

Il-livelli tal-impjiegi laħqu l-oġġla livelli storiċi (75.8 % fl-2024) u l-Unjoni tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 ta' mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni f'impjiegi. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' ħaddiema għadu mifrux, u jaqbeż il-livelli ta' qabel il-pandemija f'diversi Stati Membri. In-nuqqasijiet huma partikolarment akuti fil-kura tas-saħħa, fil-kura fit-tul, fil-konstruzzjoni, fit-trasport, fl-ICT u fl-ingerinija. F'dan il-kuntest, is-CSRs tal-2025 jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-gruppi sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol biex tiġi promossa parteċipazzjoni akbar, jingħata kontribut għal produttività mtejba u titrawwem konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni kollha. Biex jinkiseb dan, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jsaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, itejbu t-tfassil ta' sistemi ta' taxxa u benefiċċji biex jinkoraġġixxu x-xogħol, u jespandu l-aċċess għat-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet. Il-politiki tas-suq tax-xogħol għandhom jappoġġaw ukoll l-iżvilupp tal-produttività u tal-pagi fuq perjodu medju biex tinżamm il-kompetittività, filwaqt li jindirizzaw iż-żieda fl-ġholi tal-ħajja. F'dan ir-rigward, id-djalogu soċjali u l-mekkaniżmi ta' negozjar kollettiv għandhom ikomplu jaqdu rwol ċentrali, f'konformità mal-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali. It-tneħħija tal-ostakli għall-parteċipazzjoni ser teħtieġ ukoll, b'mod partikolari f'ċerti setturi, it-titjib tal-kwalità tal-impjiegi u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll l-investiment f'edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità. B'mod parallel, il-migrazzjoni legali tista' tiġi sfruttata b'mod aktar effettiv biex tikkomplementa l-provvista tax-xogħol domestiku u tgħin biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-ħiliet, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi nazzjonali.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għas-CSRs jenfasizzaw ukoll l-urġenza li jitravwem l-iżvilupp tal-kapital uman, f'konformità mal-hteġa li jsir progress aktar rapidu lejn il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw f'taħriġ kull sena (fl-2022 dan il-perċentwal kien għadu 39.5 %). Dan huwa essenzjali għall-bini ta' Ewropa aktar kompetittiva u soċjalment inklużiva. Hemm hteġa immedjata li jissaħħu s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kemm għaż-żgħażaġh li jidħlu fil-forza tax-xogħol kif ukoll għall-adulti li jridu jadattaw għad-domandi tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu. B'mod allarmanti, ix-xejriet reċenti juru tnaqqis fil-prestazzjoni tal-ħiliet bażiċi, b'inqas individwi li jiksbu riżultati għoljin u diskrepanzi mifruxa fil-litteriżmu diġitali, filwaqt li l-adulti akbar fl-età, dawk bi kwalifiki baxxi u l-persuni barra mis-suq tax-xogħol jibqgħu l-gruppi l-inqas probabbli li jipparteċipaw fit-tagħlim għall-adulti. Biex jingħalqu dawn id-diskrepanzi, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jespandu l-opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja, itejbu r-rikonoxximent tal-ħiliet, jallinjaw il-kurrikuli u l-metodi tat-tagħlim mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u jtejbu l-kwalità tal-edukazzjoni. Biż-żieda fid-domanda għal ħiliet tekniċi avvanzati – b'mod partikolari f'setturi strateġiċi marbuta mal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – il-kompetittività fit-tul tal-Ewropa tiddependi mill-iżvilupp ta' riżerva b'saħħitha ta' professjonisti STEM (ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika). Għaldaqstant, huwa rrakkomandat ukoll li l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-inizjattivi li jżidu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-iSTEM, jindirizzaw l-iżbilanċi bejn il-ġeneri fil-perkorsi tal-edukazzjoni, u jsaħħu l-kollaborazzjoni bejn il-fornituri tat-tagħlim u l-impjegaturi.

Sar xi progress fit-tnaqqis tas-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali.

Madankollu, sa issa sar biss progress limitat (bi tnaqqis ta' 2.8 miljun persuna biss meta mqabbel mal-2019, skont id-data tal-2024) lejn l-ilħuq tal-mira ewlenija tal-UE għall-2030 li mill-inqas 15-il miljun persuna jinħarġu mill-faqar jew l-esklużjoni soċjali u għad hemm sfidi, b'mod partikolari għat-tfal, il-gruppi vulnerabbli, u f'ċerti reġjuni. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali, billi jtejbū l-għoti ta' pensjonijiet u benefiċċji oħra filwaqt li jespandu l-aċċess għal servizzi soċjali ewlenin, fosthom il-kura tas-saħħa kif ukoll is-servizzi ta' kura fit-tul u l-akkomodazzjoni. Biex tiġi indirizzata d-domanda dejjem tikber għas-servizzi ta' kura tas-saħħa u ta' kura fit-tul ikkawżata mit-tibdil demografiku, l-Istati Membri jingħataw rakkomandazzjoni li jagħmlu bidla favur il-kura preventiva u bbażata fil-komunità, jisfruttaw it-teknoloġiji diġitali, u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u d-disparitajiet reġjonali fl-għoti ta' kura. L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni għandhom ta' piż kbir fuq l-unitajiet domestiċi u jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-istandards tal-għajxien, filwaqt li l-provvista tal-akkomodazzjoni għadha mhijiex qed tlaħħaq mad-domanda qawwija u persistenti u l-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali għal gruppi b'livell baxx ta' introjtu u vulnerabbli mar għall-aġar, li qed jikkawża riskju għoli kontinwu ta' persuni mingħajr dar. Biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi partikolarment akuti, l-Istati Membri jingħataw rakkomandazzjoni li jikkombinaw riformi strutturali u investiment immirat biex jindirizzaw ir-restrizzjonijiet li ilhom jeżistu li jaffettwaw l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni.

Konklużjoni

Din in-nota orizzontali tenfasizza r-rwol tas-Semestru Ewropew fil-koordinazzjoni tal-politiki fl-UE kollha, u b'hekk tikkontribwixxi għall-kompetittività u r-reżiljenza ekonomika u soċjali fit-tul. F'dan il-kuntest, is-CSRs – wara li jiġu adottati mill-Kunsill – jistgħu jkunu gwida utli għall-Istati Membri tal-UE li tiżgura approċċ unifikat u dinamiku għall-isfidi futuri.